**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 05 ta' Ottubru, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 234/2020 AF**

**Salvatore Boni u martu Josephine Boni**

**vs**

**Kap Ezekuttiv tal-Isptar Mater Dei**

**Il-Ministru responsabbli ghas-Sahha**

**L-Avukat tal-Istat**

**Anna Falzon**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' l-atturi Salvatore Boni u martu Josephine Boni, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Nhar il-ħamsa (5) ta' Jannar 2016, ir-rikorrenti tilfu lit-tifla tagħhom, Johanna Boni illi mietet f'inċident stradali wara li ġiet mgħaffġa minn trakk waqt li kienet qiegħda ssuq il-mutur tagħha ġewwa n-Naxxar għal ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (9am).

Ir-rikorrenti kienu ġew infurmati bil-mewt ta' binthom telefonikament, u sussegwentament qabbdu l-ewwel katamaran disponibbli lejn Malta.

Meta waslu Malta, għal ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar (2pm) ġew infurmati illi l-katavru ta' binthom kien jinsab ġewwa l-kamra mortwarja fejn il-koppja tħallew jaraw il-katavru minn wara ħġieġa.

L-għada u ċioè fis-sitta (6) ta' Jannar 2016, ir-rikorrenti reġgħu marru l-kamra mortwarja sabiex jagħmlu l-identifikazzjoni ta' binthom fejn ir-rikorrenta Josephine Boni ddikjarat illi ma kienx hemm il-bżonn li jssir 'DNA test' għaliex Johanna setghet tigi identifikata.

Wara li saret l-identifikazzjoni, l-koppja tħallew għal ħin limitat ħafna ħdejn il-katavru ta' binthom li kienet tinsab fuq irhama, kompletament għarwiena u rasha biss mgħottija b'liżar.

Minkejja li r-rikorrenti setghu jaraw li binthom kellha l-grif taħt idejha il-leminija, tbenġil u kif ukoll marki tat-'tyre', huma jikkonfermaw li mill-bqija, il-ġisem taghha kien intatt.

Sussegwentement l-koppja ingaġġaw lil Anna Falzon bħala l-kummissjonanta tal-funeral ta' binthom u tawha struzzjonijiet cari rigward l-ilbies li xtaqu jlibbsuha sabiex binthom tkun liebsa ħwejjeġ diċenti u rispettabbli ghall-ahhar tislima taghha u eventwalment għad-difna tagħha.

Ir-rikorrenta Josephine Boni fis-seba' (7) ta' Jannar 2016 xtrat l-abbiljament kollhu ta' bintha sabiex tidfinha bih li kien jinkludi libsa ta' kulur aħmar, żarbun kulur il-fidda u xi ħwejjeġ ta' taħt fejn l-ispiża globali kienet ta' madwar ħames mitt ewro (€500).

Anna Falzon kienet tat il-kelma tagħha illi l-abbiljamenti mghoddija lilha kellhom jintlibsu lil binthom qabel din tigi mehudha mill-kamra mortwarja ghall-knisja fejn kellu jsir il-funeral taghha.

Lejliet il-funeral li sar nhar id-disgħa (9) ta' Jannar 2016, Anna Falzon kienet qalet lir-rikorrenti sabiex ma jifthux it-tebut ghar-raguni li binthom kellha diversi griehi minhabba l-incident.

Dakinhar tal-funeral, ir-rikorrenti marru il-kamra mortwarja fejn Anna Falzon reġgħet qaltilhom li jkun ahjar jekk iħallu it-tebut magħluq u konsegwentement ir-rikorrenti, fil-qaghda difficilissima li kienu jinsabu fiha, ma kkustinjawx maghha u ghalhekk it-tebut baqa ma nfetaħx u binthom sussegwentement indifnet ġewwa qabar fiċ-ċimiterju tal-Mosta kif kienet tinsab gewwa t-tebut.

Tliet snin wara u ċioè f'Jannar tas-sena (2019) miet missier ir-rikorrenta Josephine Boni u sabiex ikunu prezenti ghall-funeral ta' missierha, l-koppja nizlu lejn Malta.

Minhabba l-fatt li l-qabar, li fih kienet midfuna binthom u li eventwalment kellu jindifen missier ir-rikorrenta, huwa qabar li jappartjeni lill-familja u jiflah ammont limitat ta' persuni fih, qabel id-dfin ta' missier ir-rikorrenta, ir-rikorrenti ddecidew li jinfetaħ it-tebut ta' binthom Johanna sabiex il-fdalijiet taghha, b'rispett, jitpoggew gewwa kontenitur li tiehu spazju izghar fil-qabar, kif normalment jigri.

Gara illi meta r-rikorrenti fethu t-tebut tar-rikorrenti, b'xokk kbir għalihom skoprew illi binthom Johanna minflok giet mllibbsa l-ħwejjeġ li kienu nxtraw sabiex ikollha difna rispettabbli u umana, kienet tinsab ġo borża tal-'plastic', 'body bag' sewda, bl-ilbies jinsab kobba fil-qiegħ tat-tebut u magenb il-gisem ta' binthom, kif ghada tinsab sal-gurnata tal-llum.

Il-koppja iffotografaw dak li raw (ara r-ritratti annessi u mmarkati ma' dan ir-rikors bhala bħala **Dok. A**).

Permezz ta' protest ġudizzjarju datat 26 ta' Frar 2019 (kopja tal-protest ġudizzjarju anness u immarkat bħala **Dok. B**), r-rikorrenti interpellaw lill-intimati sabiex immedjatament jirrimedjaw is-sitwazzjoni li binthom kienet tinsab fiha.

L-intimata Anna Falzon baqgħet inadempjenti, filwaqt li l-intimati Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, il-Ministru responsabbli għas-Saħħa u s-Segretarju Permanenti responsabbli għas-Saħħa (ta' dak iz-zmien) wieġbu permezz ta' kontro protest datat 8 ta' Marzu 2019 li permezz tieghu ċaħdu kull responsabbiltà.

Da parti ta' Anna Falzon, rkien hemm ingann serjissimu fil-konfront tar-rikorrenti stante li din kienet inghatat struzzjonijiet cari mir-rikorrenti, addirittura promettiet lir-rikorrenti illi it-tifla tagħhom kienet ser titlibbes b'mod deċenti qabel ma tindifen, u dahket bihom billi qaltilhom sabiex ma jifthux it-tebut dak inhar tal-funeral u sussegwentement id-dfin taghha.

Da parti tal-intimati Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, Il-Ministru responsabbli għas-Saħħa, l-azzjonijiet li ppermettew li dan jigri u l-ommissjoni da parti tal-istess li jipprovdu salvagwardji sabiex dan ma jsehhx mill-bidu nett, jnissel trattament li jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti:

a. għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tar-rikorrenti ghal fattur illi ir-reputazzjoni u s-sentimenti tar-rikorrenti gew serjament danneggjati mill-Intimati minhabba d-disrispett serju li bih gie trattat il-katavru ta' bint l-istess rikorrenti. Illi in sostenn ta' dan l-ilment, insibu gurisprudenza kopjuza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem senjatament:

**Putistin V. Ukraine deciza nhar il-21 ta' Novembru 2013 fejn f'paragrafu 33 tghid:**

*"33. The question of whether the damage to the reputation of an applicant's family can be considered an interference with the right to respect for the applicant's private life was raised, but not finally decided, in Palade v. Romania ((dec.), no. 37441/05, §*

*25, 31 August 2012). The Court can accept, as do the Government, that the reputation of a deceased member of a person's family may, in certain circumstances, affect that person's private life and identity, and thus come within the scope of Article 8."*

**Genner Vs. Austria deciza nhar it-12 ta' Jannar 2016 fejn f'paragrafu 35 tghid:**

*"35. Dealing appropriately with the dead out of respect for the feelings of the deceased's relatives falls within the scope of Article 8 (see with further references Hadri-Vionnet v. Switzerland, no. 55525/00, § 51, 14 February 2008, Editions Plon v. France, cited above § 46 and Putistin v. Ukraine, no. 16882/03, § 33, 21 November 2013)…"*

**Editions Plon Vs. France deciza nhar it-18 ta' Mejju 2004 fejn f'paragrafu 47 tghid:**

*47. The Court considers that these reasons were "relevant and sufficient" in the circumstances of the case. It notes that the urgent-applications judge gave her ruling on 18 January 1996, the day after publication of Le Grand Secret, which itself had taken place barely ten days after President Mitterrand's death. Clearly, the distribution so soon after the President's death of a book which depicted him as having consciously lied to the French people about the existence and duration of his illness and – as the Paris Court of Appeal noted in detail in its judgment of 13 March 1996 – constituted a prima facie breach of medical confidentiality could only have intensified the grief of the President's heirs following his very recent and painful death. Moreover, the President's death, after a long fight against his illness and barely a few months after he had left office, certainly aroused strong emotions among politicians and the public, so that the damage caused by the book to the deceased's reputation was particularly serious in the circumstances. The Court further observes that the interim injunction did not prejudge the outcome of the subsequent dispute between the parties on the merits. In particular, as her injunction was based on the "manifestly unlawful infringement", the urgent-applications judge, like the Court of Appeal when it reviewed the*

*injunction, was not required to enter into a discussion of the legally delicate issue of whether the right to bring an action relating to a prohibition on disclosing information was vested only in the living. On an application by the widow and children of the President, who had died a few days previously, the urgent-applications judge, in this context of grief, had to order a measure that was likely to put an end to the infringement. In view of the date on which the injunction was issued and its temporary nature, the discontinuation of the distribution of the book in question until such time as the relevant courts had ruled whether it was compatible with medical confidentiality and the rights of others, was justified by the legitimate aim or aims pursued.*

**Hadri Vionnet Vs.  Switzerland deciza nhar l-14 ta' Frar 2008 fejn  f'paragrafu  51 tghid:**

*51. The Court reiterates that the concepts of private and family life are broad terms not susceptible to exhaustive definition (see, for example, Pretty v. United Kingdom, no. 2346/02, § 61, ECHR 2002-III). Thus the former Commission had considered that the wish to have one's ashes scattered on one's own land was covered by the first concept (see X v. Germany, decision of 10 March 1981, no. 8741/79, Decisions and Reports 24, p. 137). Later, in the case of Znamenskaya v. Russia (no. 77785/01, § 27, 2 June 2005), the Court considered the "private life" aspect of Article 8 to be applicable to the question of whether a mother had the right to change the family name on the tombstone of her stillborn child. In the case of Pannullo and Forte v. France (no. 37794/97, § 36, ECHR 2001-X), the Court considered the excessive delay by the French authorities in returning the body of their child following an autopsy to be interference with the private and family life of the applicants. Lastly, in the case of Elli Poluhas Dödsbo v. Sweden (no. 61564/00, § 24, ECHR 2006-...), the Court considered that the refusal to authorise the transfer of the urn containing the applicant's husband's ashes was a matter falling within the scope of Article 8, without however stating whether the interference found related to the concept of private life or family life.*

b. Illi ir-rikorrenti ġew esposti għal trattament inuman u degradanti mill-intimati propju minħabba l-fatt illi l-intimati naqqsu milli jipprovdu difna xierqa u/jew naqsu milli jaraw illi difna daqstant inumana u degradanti ma sseħħx.

In sostenn ta' dan l-ilment, insibu ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem senjatament: **Benzer et Vs. Turkey deċiza nhar it-12 ta' Novembru 2013 fejn f'paragrafi 209 - 210 tghid:**

*209. It is not disputed between the parties that the applicants witnessed the violent deaths of their children, spouses, parents, siblings and other close relatives. In the immediate aftermath of their relatives' deaths, the applicants personally had to collect what was left of the bodies and take them to the nearby villages for burial, and, in the case of the applicants from Kuşkonar village, had to place the remains of the bodies in plastic bags and bury them in a mass grave (see paragraph 13 above). The three applicants who had been critically injured in the attack (see paragraph 137 above) had to be taken to hospital on tractors by villagers from the neighbouring villages.*

*210. The Court considers that parallels can be drawn between the applicants' ordeals in the present case and the anguish suffered by the father in the above-mentioned case of Akkum and Others who had been presented by soldiers with the mutilated body of his son. Furthermore, witnessing the killing of their close relatives or the immediate aftermath, coupled with the authorities' wholly inadequate and inefficient response in the aftermath of the events, must have caused the applicants suffering attaining the threshold of inhuman and degrading treatment proscribed by Article 3 of the Convention (see Musayev and Others v. Russia, nos. 57941/00, 58699/00 and 60403/00, § 169, 26 July 2007; Esmukhambetov and Others v. Russia, no. 23445/03, § 190, 29 March 2011).*

c. Illi ġie ikkalpestat id-dritt tar-rikorrenti li jesprimu r-reliġjon u t-twemmin tagħhom, fil-qima, prattika u osservanza u dana a bażi tas-segwenti:

Illi l-għola liġi tal-pajjiż u ċioè il-Kostituzzjoni ta' Malta f'Artikolu 2 tirrikonoxxi ir-Reliġjon ta' pajjiżna bħala dik Kattolika Appostolika Rumana:

*"(1) Ir-reliġjon ta' Malta hija r-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana.*

*(2) L-awtoritajiet tal-Knisja Kattolika Appostolika Rumana għandhom id-dmir u l-jedd li jgħallmu liema prinċipji huma tajbin u liema huma ħżiena.*

*(3) It-tagħlim reliġjuż tal-fidi Kattolika Appostolika Rumana għandu jkun provdut fl-iskejjel kollha tal-Istat bħala parti mill-edukazzjoni obbligatorja."*

Il-funeral ta' bint ir-rikorrenti ġie ċelebrat skond ir-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana u *tenendo conto* dak li tiddetta il-Kostituzzjoni, partikolarment sub-artikolu (2) tal-artikolu sopra ċitat illi jpoġġi d-dmir u l-jedd fuq l-Awtoritajiet tal-Knisja Kattolika Appostolika Rumana sabiex jgħallmu liema prinċipji huma tajbin u liema huma ħżiena, ikun għaqli ħafna li wieħed jikkwota l- ***"Istruzione Ad resurgendum cum Christo circa la sepoltura dei defunti e la conservazione delle ceneri in caso di cremazione"*** ippubblikata nhar il-25 t'Ottubru 2016 mil-Vatikan u ffirmata mil-Kardinal Gerhard Ludwig Müller u l-Arċisqof Luis Francisco Ladaria Ferrer:

*2. La risurrezione di Gesù è la verità culminante della fede cristiana, predicata come parte essenziale del Mistero pasquale fin dalle origini del cristianesimo: «Vi ho trasmesso quello che anch'io ho ricevuto: che cioè Cristo morì per i nostri peccati secondo le Scritture, fu sepolto ed è risuscitato il terzo giorno secondo le Scritture, e che apparve a Cefa e quindi ai Dodici» (1 Cor 15,3–5).*

*Mediante la sua morte e risurrezione, Cristo ci ha liberato dal peccato e ci ha dato accesso a una nuova vita: «Come Cristo fu risuscitato dai morti per mezzo della gloria del Padre, così anche noi possiamo camminare in una vita nuova» (Rm 6,4). Inoltre, il Cristo risorto è principio e sorgente della nostra risurrezione futura: «Cristo è risuscitato dai morti, primizia di coloro che sono*

*morti...; e come tutti muoiono in Adamo, così tutti riceveranno la vita in Cristo» (1 Cor 15,20–22).*

*Se è vero che Cristo ci risusciterà nell'ultimo giorno, è anche vero che, per un certo aspetto, siamo già risuscitati con Cristo. Con il Battesimo, infatti, siamo immersi nella morte e risurrezione di Cristo e sacramentalmente assimilati a lui: «Con lui infatti siete stati sepolti insieme nel Battesimo, in lui anche siete stati insieme risuscitati per la fede nella potenza di Dio, che lo ha risuscitato dai morti» (Col 2,12). Uniti a Cristo mediante il Battesimo, partecipiamo già realmente alla vita di Cristo risorto (cf. Ef 2,6).*

*Grazie a Cristo, la morte cristiana ha un significato positivo. La liturgia della Chiesa prega: «Ai tuoi fedeli, Signore, la vita non è tolta, ma trasformata; e mentre si distrugge la dimora di questo esilio terreno, viene preparata un'abitazione eterna nel cielo». Con la morte, l'anima viene separata dal corpo, ma nella risurrezione Dio tornerà a dare la vita incorruttibile al nostro corpo trasformato, riunendolo alla nostra anima. Anche ai nostri giorni la Chiesa è chiamata ad annunciare la fede nella risurrezione: «La risurrezione dei morti è la fede dei cristiani: credendo in essa siamo tali».*

*3. Seguendo l'antichissima tradizione cristiana, la Chiesa raccomanda insistentemente che i corpi dei defunti vengano seppelliti nel cimitero o in altro luogo sacro.*

*Nel ricordo della morte, sepoltura e risurrezione del Signore, mistero alla luce del quale si manifesta il senso cristiano della morte, l'inumazione è innanzitutto la forma più idonea per esprimere la fede e la speranza nella risurrezione corporale.*

*La Chiesa, che come Madre ha accompagnato il cristiano durante il suo pellegrinaggio terreno, offre al Padre, in Cristo, il figlio della sua grazia e ne consegna alla terra le spoglie mortali nella speranza che risusciterà nella gloria.*

*Seppellendo i corpi dei fedeli defunti, la Chiesa conferma la fede nella risurrezione della carne, e intende mettere in rilievo l'alta dignità del corpo umano come parte integrante della persona*

*della quale il corpo condivide la storia. Non può permettere, quindi, atteggiamenti e riti che coinvolgono concezioni errate della morte, ritenuta sia come l'annullamento definitivo della persona, sia come il momento della sua fusione con la Madre natura o con l'universo, sia come una tappa nel processo della re–incarnazione, sia come la liberazione definitiva della "prigione" del corpo.*

*Inoltre, la sepoltura nei cimiteri o in altri luoghi sacri risponde adeguatamente alla pietà e al rispetto dovuti ai corpi dei fedeli defunti, che mediante il Battesimo sono diventati tempio dello Spirito Santo e dei quali, «come di strumenti e di vasi, si è santamente servito lo Spirito per compiere tante opere buone». Il giusto Tobia viene lodato per i meriti acquisiti davanti a Dio per aver seppellito i morti, e la Chiesa considera la sepoltura dei morti come un'opera di misericordia corporale.*

*Infine, la sepoltura dei corpi dei fedeli defunti nei cimiteri o in altri luoghi sacri favorisce il ricordo e la preghiera per i defunti da parte dei familiari e di tutta la comunità cristiana, nonché la venerazione dei martiri e dei santi.*

Minn dak sopra ċitat huwa ċarissimu li t-tagħlim tal-Knisja jagħti importanza assoluta lid-difna tal-katavru u jpoġġi kull difna ta' persuna Kattolika Rumana a pari passu mal-mewt u d-difna ta' Sidna Ġesù Kristu fejn l-istess Ġesù Kristu skond l-iskrittura mqaddsa fil-Vanġelu skond San Luqa[1] kien imkeffen f'liżar minn Ġużeppi ta' Arimatèa u mogħti l-ikbar qima, u kif ukoll fil-Vanġelu skond San Mark[2] il-katavru tiegħu kien ser ikun midluk biż-żjut u imbalzmat minn Maria ta' Màgdala u Maria omm Gakbu u Salòme, ritwal ta' preservazzjoni u venerazzjoni kbira lejn il-ġisem mejjet.

L-aġir tal-intimati huwa wieħed li jnissel trattament li jilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti li juru r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, fil-qima, prattika u osservanza u dana stante li:

[1] Vangelu, Bibbja Kattolika, (LQ 23 50-56).
[2] Vangelu, Bibbja Kattolika, (MK 16 1-7).

i. Ġiet eżerċitata u effetwata difna li tmur kontra kull twemmin kattoliku Rumana kif dettata mid-direzzjoni tal-Vatikan;

ii. Id-difna ta' kull persuna eżerċitata skond ir-Reliġjon Kattoliku Rumana għandha tkun waħda li tirrifletti l-istess qima u rispett lill-katavru bħal dik li kienet ingħatat lill-ġisem mejjet ta' sidna Ġesù Kristu, u f'dan il-każ dan ma sarx, anzi sar propjament l-oppost fejn il-ġisem mejjet ta' bint ir-Rikorrenti ġie disrispettat għall-aħħar;

Ir-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

Ir-rikorrenti kellhom jirrikorru ghal dawn il-proceduri, stante l-inadempjenza u r-rifjut tal-intimati li jirrimedjaw dak minnhom imwettaq, u stante li l-ligi nostrana ma toffri ebda rimedju adegwat.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi d-difna mill-aktar inumana, degradanti u kontra kull dekor u deċenza ta' bint ir-rikorrenti seħħet minhabba l-agir u/jew n-nuqqas tal-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, Il-Ministru responsabbli għas-Saħħa, u Anna Falzon, jew min minnhom;

2. Tiddikjara li dan l-aġir jilledi d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, senjatament l-Artikoli 32(Ċċ), 36(1) u 40(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 3, 8 u 9(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Tordna sabiex l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, Il-Ministru responsabbli għas-Saħħa, u Anna Falzon, jew min minnhom, jirrimedjaw is-sitwazzjoni billi l-katavru ta' bint ir-rikorrenti tingħata difna kif titlob id-diċenza u id-dekor u *multo magis* kif titlob ir-reliġjon Kattolika Rumana;

4. Tiddikjara li r-rikorrenti soffrew dani morali minhabba l-agir u/jew in-nuqqas tal-intimati;

5. Tillikwida d-danni morali hekk kif sofferti mir-rikorrenti;

6. Tordna lill- l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, Il-Ministru responsabbli għas-Saħħa, u Anna Falzon, jew min minnhom, sabiex iħallsu d-danni morali sofferti mir-rikorrenti hekk kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati inkluz dawk tal-Protest Gudizzjarju bin-numru 3165/2/2019.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta konġunta tal-konvenuti l-Ministru responsabbli għas-Saħħa u l-Kap Eżekuttiv tal-iSptar Mater Dei li permezz tagħha eċċepew illi:

Preliminarjament iż-żewġ esponenti ċioè il-Kap Eżekuttiv ta' Mater Dei kif uoll il-Ministru responsabbli għas-Saħħa, jeċċepixxu t-tnejn li huma mhumiex il-leġittimu kontraditturi fil-proċeduri odjerni stante li ż-żewġ esponenti ma għandhomx kontroll fuq id-dfin *per se* u wisq aktar ma għandhomx kontroll u għarfien dwar l-arranġament li saru bejn ir-rikorrenti u l-intimata Anna Falzon dwar l-ilbies ta' binthom.

**Eċċezzjonjonijiet fil-mertu:**

In linea preliminari, permezz ta' din ir-risposta, l-esponenti qedgħdin jirrespinġu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kontenuti fl-istess rikors stante li fil-konfront tagħhom dawn huma għal kollox infondati kemm fil-fatt u fid-dritt.

L-esponenti jeċċepixxu illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mill-attur qeghdin jigu kkontestati u jehtieg illi jigu pruvati.

B'kull dovut rispett lejn ir-rikorrenti, la l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei u wisq anqas l-Ministru responsabbli għas-Saħħa ma jistgħu qatt jitqiesu responsabbli għall-fatti allegati fir-rikors

odjern.  L-esponenti ma jkollhomx aċċess u/jew kontroll fuq dak li tkun qed isir da parti tal-kummissjonanta fil-ħin fil-mortwarju. Di fatti l-esponenti saru jafu bil-każ meta dawn feġġew fuq il-midja.

B'rabta mat-tieni talba, l-esponenti jiddikjaraw minnufih li huma ma kisru l-ebda wieħed mill-jeddijiet fundamentali taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Sa fejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab mibni fuq allegat vjolazzjoni tal-Artikoli 33(Cċ), 36(1) u 40(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 u 9(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-esponenti jiċħdu bil-qawwa kollha li huma qatt ċaħdu ir-rispett għall-ħajja privata u familjari tar-rikorrenti,  kif ukoll qatt ma ssoġġettaw lir-rikorrenti għal trattament inuman jew degradanti u qatt ma ċaħdu l-liberta' sħiħ li jgwdu l-eżerċizzju liberu tal-mod rispetiv tagħhom ta' qima reliġjuża.

Dwar it-tielet, raba', ħames u sitt talbiet, jingħad illi billi jiriżulta li ma seħħet l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-rikorrenti, kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, it-talbiet għal rimedju effettiv għandhom jiġu miċħuda wkoll.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jirriżulta n-neċessità fil-mori tal-kawża.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Anna Falzon li permezz tagħha eċċepiet illi:

It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez għas-segwenti raġunijiet.

Fl-ewwel lok u in linea preliminari l-esponenti mhijiex il-leġittima kontradittriċi fil-proċeduri odjerni stante li bid-dovut rispett mhuwiex l-oneru tagħha li taċċerta u tissalvagwardja d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti liema obbligu huwa obbligu esklussivament tal-Istat u għalhekk l-intimata Falzon ma tistax bid-dovut rispett tinsab responsabbli fil-proċeduri odjerni u/jew

wisq anqas tista' tirrimedja jew tiġi kkundannata tħallas xi danni morali.

Fit-tieni lok u fil-mertu, l-esponenti tiċħad u tirrespinġi l-allegazzjonijiet kollha magħmula fil-konfront tagħha u tirrileva li bħala kummissjonant, hi qatt ma tlibbes il-katavru meta dan ikun ġewwa l-mortwarju tal-isptar stante li f'tali ċirkostanzi l-katavru jkun taħt ir-responsabbilità tal-Istat u hi bhala kummissjonant lanqas ikollha awtorizzazjoni sabiex tidhol fil-kamra mortwarja u tant anqas id-dritt li tmiss il-katavru aħseb u ara kemm tkun tista' tlibbsu, liema proċedura hija biss possibbli meta l-katavru jkun qed jinżamm f'proprjetà privata u l-korteo funebri ikun ser jitlaq minn hemm.

F'dan il-kaz, it-tebut kien gie ssigillat mid-dipendenti tal-Isptar Materi Dei li jahdmu fil-kamra mortwarja qabel ma dan inhareg mill-kamra mortwarja ghal gol-kamra esterna minn fejn sussegwentement jittiehed mill-impjegati tal-kummissjonant ghal gol-vettura sabiex jingar sal-knisja.

Ghaldaqstant, il-kummissjonanta ma setghetx tkun taf jekk id-dipendenti ta' Mater Dei kienux libbsu lil Johanna Boni l-libsa li kienet ghaddietilhom hija a nom tar-rikorrenti, u tant anqas setghet tkun taf illi tali dipendenti hallew lill-Johanna Boni gol-'*body bag'* tal-isptar stess.

Fil-fatt, bhall-istess rikorrenti, l-kummissjonanta Anna Falzon saret taf li d-dipendenti tal-Isptar Mater Dei kienu qeghdu lill-Johanna Boni got-tebut gewwa l-'*body bag'*, biss meta giet infuramta mill-impjegati taghha stess meta kienu difnu lin-nannu ta' Johanna Boni lejn l-ahhar ta' Jannar tas-sena 2019.

L-esponent taf il-fatti fuq imsemmija personalment.

B'riserva ta' difizi ulterjuri.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-intimata titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiċhad it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tagħha bħala infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-konvenut Avukat tal-iStat li permezz tagħha eċċepixxa illi:

In linea <u>preliminari</u> u ai termini tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent umilment jeċepixxi illi ma huwiex il-leġittimu kontradittur u għaldaqstant għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fil-<u>mertu</u> u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u din l-Onorabbli Qorti m'għandix issib li hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost u ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, din l-Onorabbli Qorti ma tistax tiddikjara li hemm xi ksur tal-artikolu 32(Ċċ) tal-Kostituzzjoni u dan stante li fl-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni "*mhuwiex qieghed jigi stabbilit xi dritt li, bil -vjolazzjoni tieghu, ikun hemm ksur ta` jedd fundamentali tutelat bil-Kostituzzjoni"* (vide <u>Sullivan Kate ET</u> vs L-Onorevoli Prim Ministry ET - 20/12 JZM – Prim Awla Sede Kostituzzjonali – decide 30/06/2016 kkonfermata wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali 27/01/2017*)*.

Di più u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent umilment jissottometti li din l-Onorabbli Qorti m'għandix issib li hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali u dan stante li l-azzjonijiet li abbażi tagħhom ġiet intavolata l-kawża odjerna, allegatament saru minn individwu privat, liem individwu ġiet imqabbda direttament mir-rikorrenti.

B'referenza lejn it-talbiet ta' rimedju u kumpens, dawn it-talbiet għandhom jiġu miċħuda stante li ma hemm l-ebda ksur ta' xi dritt fundamentali.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma li t-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx illi jintlaqgħu u kwindi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt

stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz tal-azzjoni ordjerna l-atturi konjuġi Boni qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li ġarrbu ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom senjatament dawk kontemplati taħt l-Artikoli 32(ċċ), 36(1) u 40(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 3, 8 u 9(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, in konnessjoni mal-mod ta' kif saret id-difna ta' binthom Johanna Boni li tilfet ħajjitha f'inċident stradali fil-5 ta' Jannar 2016. Talbu għalhekk illi jingħataw rimedju konsistenti f'kumpens monetarju kif ukoll illi bħala rimedju titħalla ssir difna dekoruża skont kif titlob il-liġi kanonika.

L-intimati lkoll eċċepew rispettivament illi mhumiex leġittimi kontradittturi għat-talbiet attriċi kif impostati. Ilkoll eċċepew ukoll illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Doveruz ghall-Qorti tibda billi tissenjala soghba kbira ghat-tragedja li tat lok ghal dawn il-proceduri.

Mill-provi jirriżulta li l-atturi Salvatore u Josephine konjuġi Boni huma l-ġenituri ta' Johanna Boni li kif ingħad tilfet ħajjitha fil-5 ta' Jannar 2016. L-atturi kkommissjonaw lill-konvenuta Anna Falzon sabiex tieħu ħsieb il-funeral ta' binthom. Josephine Boni insistiet mal-kummissjonanta illi bintha kellha tindifen bl-ilbies illi pprovdietilha l-istess Boni u cioè libsa ta' lewn aħmar u żarbun lewn il-fidda. Da parti tagħha Falzon wiegħdet lill-atturi li kienet ser tieħu ħsieb illi Johanna Boni tiġi mlibbsa l-ilbies provdut mill-ġenituri tagħha. Falzon saħqet ukoll illi jkun ahjar jekk it-tebut jibqa' magħluq u dan konsegwenza tal-ġrieħi serji illi ġarrbet il-vittma.

Il-funeral ta' Johanna Boni sar fid-9 ta' Jannar 2016 u wara saret id-difna ġewwa qabar tal-familja li jinsab fil-Mosta.

Ġara illi f'Jannar tas-sena 2018 ġie nieqes missier l-attriċi Josephine Boni u d-difna kellha ssir fl-istess qabar fejn kienet midfuna Johanna.  F'din l-okkażjoni l-atturi talbu li jinfetaħ it-tebut ta' binthom u li l-fdalijiet tagħha jitpoġġew f'kontenitur iżgħar.  Hekk kif infetaħ it-tebut, b'xokk għalihom, l-atturi raw illi binthom kienet ġiet midfuna f'*body bag* waqt illi l-ħwejjeġ li kienu provdew huma stess kienu tpoġġew f'rokna fit-tebut kif jidher ċar mir-ritratti li ġew esebiti in atti bħala prova ta' dan.

Fis-26 ta' Frar 2019 l-atturi ppreżentaw protest ġudizzjarju fl-ismijiet Avv. Dr. Michele Cardinale bħala mandatarju speċjali tal-konjuġi Salvatore (Passaport Taljan Nru. YB 1983246) u Josephine Boni (ID Maltija Nru. 0285464(M)) vs Anna Falzon (I.D. 472455M), Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei, Il-Ministru Responsabbli għas-Saħħa, Is-Segretarju Permanenti responsabbli għas-Saħħa.

Fil-kors ta' dawn il-proċeduri tressqu diversi xhieda, impjegati fi ħdan l-iSptar Mater Dei u addetti mal-kamra mortwarja li xehdu b'mod dettaljat u ċar dwar il-proċedura li tiġi segwita mill-mument illi jiddaħħal katavru fil-kamra mortwarja sal-mument li dan jittieħed għad-difna.

Dr. David Grima, *Executive Allied Health Professional Medical Laboratory Scientist u Manager* tal-kamra mortwarja xehed illi f'każ ta' mewt li tirrikjedi inkjesta, il-katavru jittieħed fil-kamra mortwarja mill-Pulizija u sussegwentmenet jiġu appuntanti l-esperti tal-Qorti u ssir l-awtopsja.  Wara li tiġi konkluża l-awtopsja jinħareġ iċ-ċertifikat tal-mewt u l-kamra mortwarja tistenna li l-Maġistrat jawtorizza li ssir id-difna.

Kompla jixhed illi l-kamra mortwarja ssegwi protokoll speċifiku għall-preżervazzjoni tal-katavru sakemm jirċievu struzzjonijiet mingħad il-kummissjonant u l-katavru jittieħed għad-difna. Spjega illi l-kummissjonant jiġi obbligat jara l-katavru biss ma jitħalliex ilibbsu.  Il-katavru jiġi mlibbes esklussivament mill-addetti tal-kamra mortwarja.  Żied jgħid illi dik il-ħabta u cioè

fis-sena 2016 ma kienx għad hemm superviżur u x-xogħol kien isir taħt id-direzzjoni tal-aktar addett anzjan. La darba l-katavru jiġi mlibbes dan jitpoġġa fit-tebut mill-addetti tal-kamra mortwarja u mill-kummissjonant u wara jitpoġġa f'kappella sakemm jasal il-ħin li jħalli l-kamra mortwarja għall-funeral. Issokta jgħid illi l-addetti tal-kamra mortwarja ma jkollhom ebda kuntatt mal-familja u jirċievu l-istruzzjonijiet kollha direttament mingħand il-kummissjonant. Kompla jgħid illi l-kummissjonant dejjem jiġi avżat meta l-katavru ma jkunx jista' jiġi mlibbes. Xehed ukoll illi l-fatt li l-katavru jitpoġġa f'*body bag* hija kwistjoni ta' etika tenut kont tal-istat u l-kondizzjoni tal-katavru. Dan isir ukoll sabiex jiġu protetti l-familjari.

John Cassar, Supervisor tal-kamra mortwarja xehed illi f'dan il-każ tant kienet gravi s-sitwazzjoni illi l-addetti għall-kamra mortwarja ġew imsejħa fuq il-post tal-inċident sabiex jassistu fil-gbir tal-katavru. Spjega illi f'dan il-każ il-ġrieħi partikolarment dawk tar-ras tant kienu gravi illi kien hemm diffikultà biex issir l-identifikazzjoni. Xehed illi wara li sar l-aċċess fuq il-post tal-inċident il-katavru tpoġġa f'*body bag* u ttieħed sabiex issir l-awtopsja.

Cassar xehed illi meta katavru ma jiġix imlibbes ikun għaliex is-sitwazzjoni tkun waħda gravi u l-istat tal-katavru ma jippermettix. F'dan il-każ il-katavru jiġi mgeżwer f'liżar u wara jitpoġġa f'*body bag*. Il-kummissjonant jiġi nfurmat dwar dan sabiex jieħu ħsieb jinforma lill-familjari. Xehed illi fil-każ ta' Johanna Boni il-ġrieħi li ġarrbet kienu tali li ma ppermettewx li din tiġi mlibbsa. Madanakollu, wara li l-katavru tagħha ġie mqiegħed f'liżar u f'*body bag*, il-ħwejjeġ li l-kummissjonanta Falzon għaddiet lill-addetti tal-kamra mortwarja, tpoġġew fuq il-*body bag*. Meta tlesta l-proċess kollu t-tebut ingħalaq u baqa' magħluq.

Il-konvenuta Anna Falzon xehdet illi l-ħwejjeġ li kienet għadditilha l-attriċi għaddiethom lill-addetti tal-kamra mortwarja. Spjegat illi hija m'għandiex aċċess ġewwa l-kamra mortwarja. Kompliet tixhed illi l-addetti qalulha li t-tebut kien sejjer jiġi magħluq. Tgħid ukoll illi ma kellha ebda informazzjoni dwar il-fatt illi l-vittma ma ġietx imlibbsa.

David Mifsud, ħu l-attriċi xehed illi lejliet il-funeral huwa sema' lil Anna Falzon tgħid lil oħtu li l-libsa kienet ġietha eżatti lil Johanna Boni. Da parti tagħha l-attriċi xehdet illi Falzon kienet qaltilha li Johanna Boni kienet ġiet imlibbsa inkluż il-ġiżirana u li għamlet dak illi setgħet biex wiċċ il-vittma jidher sabiħ.

Eżaminati l-provi, il-Qorti sejra tindirizza l-eċċezzjoni preliminari permezz ta' liema l-konvenuti kollha eċċepew rispettivament illi mhumiex leġittimi kontradditturi għat-talbiet attriċi.

Għal dak illi jolqot l-eċċezzjoni kif sollevata mill-konvenuti l-Ministru responsabbli għas-Saħħa u l-Kap Eżekuttiv tal-iSptar Mater Dei, il-Qorti tqis illi din l-eċċezzjoni mhijiex mistħoqqa. Mill-provi, partikolarment mix-xhieda ta' Dr. David Grima rriżulta ċar u tond illi l-kamra mortwarja taqa' taħt ir-responsabbilità tal-iSptar Mater Dei tant illi tifforma parti mid-Dipartiment tal-Patoloġija. Tqis għalhekk illi jekk kemm il-darba jirriżulta għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi seħħ xi nuqqas fl-ambitu tal-proċess segwit fil-kamra mortwarja, għal dan ser ikollhom iwieġbu l-Ministru responsabbli għas-Saħħa u l-Kap Eżekuttiv tal-iSptar Mater Dei *qua* responsabbli għall-istess sezzjoni. Għalhekk, altru milli dawn l-imsemmija konvenuti huma leġittimi kontradditturi għat-talbiet attriċi.

Lanqas il-konvenuta Anna Falzon ma tista' targumenta li mhijiex leġittima kontradittriċi għat-talbiet attriċi. Jingħad dan għaliex kienet proprju hi illi ġiet kummissjonata mill-familjari tal-vittma sabiex tieħu ħsieb l-arranġamenti tal-funeral. Irriżulta wkoll illi għalkemm ma kellhiex aċċess għall-kamra mortwarja u lanqas ma kienet hi illi ħadet ħsieb tlesti l-katavru għad-difna, fl-istess waqt kienet hi illi għaddiet il-ħwejjeġ lill-addetti tal-kamra mortwarja u kienet hi ukoll li rċeviet l-informazzjoni li l-katavru ma kienx fi stat li seta' jiġi mlibbes. Jidher għalhekk evidenti illi kien jinkombi fuqha li tgħaddi din l-informazzjoni lill-familjari tal-vittma. Għalhekk, jekk jirriżulta li da parti tal-konvenuta kien hemm xi nuqqas li ssarraf fi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-atturi, ser tkun hi li twieġeb għal dan.

Jibqa' għalhekk biex jiġi determinat jekk il-konvenut Avukat tal-Istat huwiex leġittimu kontradditur għat-talbiet attriċi. F'dan ir-rigward l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 jipprovdi illi l-Gvern għandu

jkun rappreżentat fil-kawżi mill-Kap tad-Dipartiment inkarigat mill-materja in kwistjoni. F'każ illi t-talba ma tistax titressaq direttament fil-konfront ta' dipartiment tal-gvern, l-Avukat tal-Istat għandu jkun vestit b'dik ir-rappreżentanza. Fil-każ tal-lum it-talba hija dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali tal-atturi li huma jattribwixxu bħala dovut għall-att dwar kif il-katavru ta' Johanna Boni ġie preparat għad-difna. Tqis għalhekk illi ġaladarba l-Gvern huwa debitament rappreżentat mill-Ministru konvenut, l-Avukat tal-Istat għandu jiġi liberat milli-osservanza tal-ġudizzju.

Trattata l-eċċezzjoni preliminari, imiss issa illi l-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha fil-mertu.

Il-lanjanza tal-atturi hija fis-sens illi ġarrbu ksur tad-drittijiet tagħhom kif dawn jinsabu mħarsa taħt l-Artikoli 32(ċċ), 36(1) u 40(1) tal-Kostituzzjoni kif ukoll a tenur tal-Artikoli 3, 8 u 9(1) tal-Konvenzjoni.

**L-Artikolu 32(ċ) tal-Kostituzzjoni**

Id-disposizzjoni taqra hekk:

> *"32. Billi kull persuna f'Malta hija intitolata għad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, jiġifieri, id-dritt, tkun xi tkun ir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru tagħha, iżda suġġett għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn u tal- interess pubbliku, għal kull waħda u kollha kemm huma dawn li ġejjin, jiġifieri-*
>
> *...*
>
> *(ċ) ir-rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu,*
>
> *id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-Kapitolu jkollhom effett sabiex jagħtu protezzjoni għad-drittijiet u libertajiet imsemmi jaqabel, salvi dawk il-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dawk id-disposizzjonijiet li huma limitazzjonijiet maħsuba biex jiżguraw illi t-tgawdija tal-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma*

*tippreġudikax id-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn jew l-interess pubbliku.*

F'dan ir-rigward il-konvenut Avukat tal-iStat eċċepixxa illi ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti ma tistax issib ksur tal-Artikolu 32(ċ) tal-Kostituzzjoni u dan peress illi dan l-Artikolu mhuwiex qiegħed jistabbilixxi xi dritt iżda huwa biss artikolu ntroduttiv.

Għal dak illi huwa ta' rilevanza għall-każ tal-lum, l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:

> "*kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju*".

Minn qari ta' din id-disposizzjoni jidher ċar illi l-Artikolu 32 mhu xejn għajr preambolu għad-drittijiet fundamentali kif elenkati u mħarsa ai termini tal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni[3]. Dan għalhekk ifisser illi l-Artikolu 32 mhuwiex enforzabbli bil-konsegwenza li kull talba rigwardanti dan l-Artikolu sejra tiġi miċħuda.

**L-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni**

Dawn l-Artikoli jħarsu d-dritt għall-protezzjoni minn trattament inuman.

---

[3] Ara: Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 1/06/2023; Dustin Bugeja vs Kummissarju tal-Pulizija et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 12/07/2023; Diane Joelyn Portelli vs Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċibili u Tribunali (Għawdex) et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 7/10/2022; Saadia Chabab vs Avukat Ġenerali et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 12/04/2013 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjoni b'deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 2013.

Dik il-parti tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni li għandha siwi għall-kawża odejrna taqra hekk:

> *(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.*

L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni mbgħad jipprovdi illi:

> *"Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti."*

Fil-Guide on Article 3 of the European Convention of Human Rights[4], jingħad illi:

> *"65. The Court has held that the human quality is extinguished on death and, therefore, the prohibition on ill-treatment is no longer applicable to corpses (Akpınar and Altun v. Turkey, 2007, § 82). However, the treatment of dead bodies has given rise to a violation of Article 3 with respect to the deceased's relatives (§§ 84-87).*
>
> *66. In Khadzhialiyev and Others v. Russia, 2008, the Court found a violation of Article 3 where the applicants were unable to bury the dismembered and decapitated bodies of their children in a proper manner, since only parts of the remains had been found (§ 121). In Akkum v. Turkey ,2005, Article 3 was violated in respect to a father who was presented with the mutilated body of his son (§ 259). In Elberte v. Latvia, 2015, the Court found a violation of Article 3 on account of the removal of tissue from the applicant's deceased husband without her prior consent or knowledge and contrary to domestic law (§ 143).*
>
> *67. No violation arose in Cangöz and Others v. Turkey, 2016, where bodies of the applicants' relatives, who had been killed by soldiers, had been brought to a Military base.*

---

[4] Kapitolu II The prohibition of torture, inhuman or degrading treatment or punishment, inflicted or facilitaed by State agents, Sezzjoni H intolata The suffering of the victim's relatives, punt numru 4 intotolat Treatment of dead bodies, 1st Edition, 31st August 2022, pubblikat mill-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, pġ. 18.

*There they were placed outdoors in a place where they could be seen by soldiers at the base, stripped of their clothes and examined by the prosecutor and two doctors. The Court held that, regardless of whether the applicants had seen the bodies in person, their knowledge of the conditions in which the bodies of their relatives were examined had resulted in mental suffering. However, having particular regard to the purpose of the treatment (to carry out examinations on the bodies), the circumstances had not given the applicants' suffering a dimension and character distinct from the emotional distress which may be regarded as inevitably caused to any family member of a deceased person in a comparable situation (Cangöz and Others v. Turkey, 2016, §§ 157-168)."*

Il-Qorti tifhem is-sofferenza li l-mewt tal-ulied iġġib fuq il-ġenituri. Tifhem ukoll l-impotenza li jħossu l-ġenituri f'każijiet bħal dak tal-lum fejn iċ-ċirkostanzi huma ferm diversi minn dawk f'każ ta' mewta naturali. Tifhem għalhekk illi f'dan il-każ il-ġenituri jistgħu iħossu illi ġew privati mill-jedd illi jidfnu lil binthom kif xtaqu u cioè liebsa l-ħwejjeġ li għażlu u pprovdew huma stess għall-okkażjoni in kwistjoni. Mill-banda l-oħra l-Qorti tifhem ukoll illi c-cirkostanzi tal-mewt traġika ta' Johanna Boni kkaġunaw ġrieħi tant gravi li ma ppermettewx illi l-katavru tagħha jiġi mlibbes. Wara li xtarret bir-reqqa x-xhieda tal-addetti għall-kamra mortwarja u dik ukoll tal-konvenuta Falzon fir-rigward ta' liema lanqas biss sar kontro-eżami, il-Qorti tqis illi anki jekk forsi l-familjari ma ġewx infurmati bil-fatt li Boni ma ġietx imlibbsa kif xtaqu huma, dan in-nuqqas mhux tali li jammonta għal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-atturi ai termini tal-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Għall-kuntrarju, tqis illi tali ommissjoni ma kienitx ir-riżultat ta' xi nuqqas iżda sempliċement ġest ta' rieda tajba biex il-ġenituri ta' Boni li tant riedu li binthom tindifen fil-ħwejjeġ li pprovdew, jiġu evitati l-piena u weġgħa ulterjuri li jisimgħu li binthom lanqas biss setgħet titlibbes. Rigwardanti l-fatt li l-hwejjeg instabu f'rokna tat-tebut, il-Qorti tifhem illi verosimili li dawn kienu originarjament mifruxa fuq il-katavru u resqu lejn ir-rokna meta t-tebut tnizzel fil-qabar. Huwa ben maghruf li t-tebut ma jitnizzilx catt izda arbulat.

Tqis għalhekk illi l-atturi ma ġarrbu ebda leżjoni tad-drittijiet tagħhom kif dawn jinsabu imħarsa taħt l-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

**L-Artikolu 40(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni**

L-Artikolu 40 iħares id-dritt għal-liberta'ta' kuxjenza u qima. Is-subartikolu (1) jaqra hekk:

> *"1) Il-persuni kollha f'Malta għandu jkollhom libertà sħiħa ta' kuxjenza u jgawdu l-eżerċizzju liberu tal-mod rispettiv tagħhom ta' qima reliġjuża."*

**L-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni** jaqra hekk:

> *"1. Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; dan id-dritt jinkludi l-libertà li jbiddel ir-reliġjon jew twemmin tiegħu u l-libertà, sew waħdu kemm ma' oħrajn u pubblikament jew privatament, li juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, fil-qima, tagħlim, prattika u osservanza.*
>
> *2. Il-libertà li wieħed juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu tkun suġġetta biss għal dawk il-limitazzjonijiet li jkunu preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà pubblika, għall-protezzjoni tal-ordni pubblika, tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."*

L-atturi jilmentaw illi ġarrbu ksur tad-dritt tagħhom bl-artikoli appena ċitati konsegwenza tal-fatt illi l-katavru ta' binthom tpoġġa ġewwa *body bag* flok illi ġie mlibbes skont ix-xewqa tagħhom. Il-Qorti tqis illi lanqas f'dan l-ilment m'għandhom raġun l-atturi. F'dan il-każ iċ-ċirkostanzi ferm sfortunati ma ppermettewx li l-katavru jitlibbes biss b'daqshekk żgur illi ma jistax jingħad li l-atturi ġew imxekkla fil-jedd tagħhom għall-qima reliġjuża aktar u aktar meta mill-provi jirriżulta li l-vittma ngħatat l-aħħar tislima kif xieraq billi saritilha quddies *presente cadavere* u wara ttieħdet għad-difna fil-qabar tal-familja.

Tiċħad għalhekk kull talba tal-atturi dwar leżjoni tad-drittijiet tagħhom ai termini tal-Artikoli 40(1) tal-Kostituzjoni u l-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni.

**L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

L-Artikolu 8 jitkellem dwar id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Id-Disposizzjoni taqra hekk:

> *"1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*
>
> *2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor."*

F'dan ir-rigward l-ilment tal-atturi huwa fis-sens illi ġarrbu danni għas-sentimenti tagħhom u għar-reputazzjoni. Ċertament illi dak illi ġarrbu l-atturi huwa dulur kbir li ħadd u xejn qatt mhu se jsewwi. Madanakollu, kif diġa l-Qorti kellha l-opportunità illi tgħid, l-addetti għall-kamra mortwarja għamlu dak kollu fil-poteri tagħhom sabiex jippreżervaw il-katavru bl-aħjar mod possibbli tenut ukoll kont taċ-ċirkostanzi li dan il-katavru kien fihom. Imkien mill-provi ma jirriżulta xi ksur tal-protokolli ta' proċedura li tiġi segwita mill-kamra mortwarja f'każijiet bħal dawk mertu ta' din il-kawża.

Kwantu l-kwistjoni ta' dannu għar-reputazzjoni, l-Qorti tqis illi dan l-aspett tad-dritt ċitat la ġie adegwatament trattat u wisq inqas sostanzjat bi provi konkreti.

Ferm il-premess u abbinati l-prinċipji ta' dritt għall-fatti kif esposti, din il-Qorti ssib illi l-atturi ma ġarrbu ebda leżjoni kif minnhom pretiż. Konsegwentement ma hemmx lok għall-Qorti li tinoltra fil-mertu tal-bqija tat-talbiet kif dedotti.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi waqt illi:

1. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti l-Ministru responsabbli għas-Saħħa u l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar Mater Dei tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet fil-mertu.

2. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Anna Falzon u tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet fil-mertu.

3. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Avukat tal-iStat u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju. Tastjeni għalhekk milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut Avukat tal-iStat.

4. Tiċħad l-ewwel u t-tieni talba kif dedotti u konsegwentmenet tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tat-talbiet.

5. Tordna lill-atturi jħallsu l-ispejjeż ta' din il-kawża.

IMHALLEF

DEP/REG